# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Jannar 2024**

**Rikors Numru 356/2017 FDP**

Fl-ismijiet

**Emanuel Calleja**
**(ID 557862M)**

**Vs**

1. **Camray Company Limited (C 9752)**
2. **Chairperson Kumitat ta' Tmexxija Il-Fond għal Protezzjoni u Kumpens**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 20 ta' April 2017, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi fit-22 ta' April 2015, ir-rikorrent kien qiegħed isuq il-vettura tal-marka Renault Megane bin-numru ta' reġistrazzjoni BBZ 212 ġewwa Triq il-Baċir, limiti ta' Raħal Ġdid, meta ħabta u sabta, ħarġet vettura tal-marka Volkswagen mill-parkeġġ tal-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija bil-konsegwenza li r-rikorrent, f'manuvra sabiex jiskapola din il-vettura, saq lejn il-lemin, dar lejn ix-xellug fejn ħakem vettura tal-marka BMW li kienet ipparkjata, b'istint jiġbed lejn il-lemin biex jevita inċident akbar, ħabat ġo lqugħ (grada) li kien hemm maġenb it-triq, liema lqugħ kien qiegħed jgħatti u jagħlaq sit ta' kostruzzjoni, responsabbilità tal-intimat Camray Company Limited ġewwa l-fabbrika magħrufa bħala Factory KW4, Triq il-Baċir ta' Zamm u Triq il-Baċir, Qasam Industrijali Ta' Kordin, Paola u waqa' għal isfel bil-vettura, għoli ta' madwar tlieta jew erbgħa sulari. Anness mar-rikors ġuramentat odjern huma set ta' ritratti li juru s-sit fejn seħħ l-inċident, immarkati bħala Dok EC1.*
    2. *Illi l-inċident seħħ kawża ta' terza persuna sallum mhux magħrufa u l-gravita' u l-konsegwenzi tal-inċident tat-traffiku suriferit kibru tort tan-*

*nuqqas ta' prekawzjonijiet li kellhom jittieħdu mill-intimat jew min minnhom sabiex jimminimizzaw il-perikolu li ħolqu huma stess, kif ukoll b'riżultat tan-negliġenza u/jew inosservanza tar-regolamenti dwar is-sigurta' f'siti ta' kostruzzjoni tagħhom, stante li l-grada ta' protezzjoni ma kinetx tilħaq l-iskop aħħari tagħha. Ma kellhiex is-sinjali li sit b'dak il-livell ta' perikolu kellu jkollu, ma kienet bl-ebda mod tindika li kien hemm waqa' jew inżul ta' madwar tlieta jew erba' (4) sulari wara l-gradilja u kienet imtella' b'mod li kienet inadatta għall-ebda forma ta' lqugħ.*

3. *Illi r-rikorrent saq lejn n-naħa ta' dan is-sit ta' kostruzzjoni konxjentement sabiex jevita aktar danni għall-vettura tiegħu, proprju għaliex dak il-mument istantanju għażel, li jevita l-ħajt, li jaħbat ġo grada dan għaliex il-grada kienet tagħti l-impressjoni li kienet daħla sempliċi għal ġewwa xi għalqa u mhux grada li kellha l-iskop li tipproteġi sewwieqa ta' vetturi f'każ ta' inċident milli jaqgħu għoli ta' numru ta' sulari, kif sussegwentement ġara;*

4. *Illi huwa evidenti li l-grada jew ilqugħ, li kellha l-iskop li tipproteġi u tinbarra sit ta' kostruzzjoni li kellu waqa' ta' numru ta' sulari warajha, ma kinitx adatta għall-iskop li għaliha ġiet imtella', u kien hemm nuqqas ta' ħsieb u sigurta' fl-installazzjoni tagħha tant li ma servietx għall-iskop li għaliha twaħħlet u kellha nuqqas ta' sinjali dwar il-perikolu mistoħbi wara l-istess grada.*

5. *Illi b'riżultat ta' dan l-inċident, ir-rikorrent sofra grieħi ta' natura gravi, danni u debilita' permanenti, senjatament fix-xewka ta' dahru, u għadu sa llum jirċievi trattament mediku, kif jirriżulta mir-rapport mediku anness u mmarkat Dok EC2 u kif ser jiġi ppruvat waqt il-ġbir tal-provi.*

6. *Illi minkejja l-fatt li l-intimati ġew interpellati għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent, inkluż permezz tal-ittra uffiċjali numerata 3634/2016 u ittra uffiċjali numru 1053/17 li kopji tagħhom huma hawn annessi u mmarkati Dok EC3, l-intimati baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li jġib is-suriferiti fatti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti -*

1. *Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom, responsabbli għall-inċident li seħħ fit-22 ta' April 2015, ġewwa l-fabbrika magħrufa bħala Factory KW4, Triq il-Baċir ta' Żamm u Triq il-Baċir, Qasam Industrijali Ta' Kordin, Paola u li fih weġġa' gravi r-rikorrent;*

2. *Tiddikjara l-intimati jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrent riżultat tal-inċident li seħħ fit-22 ta' April 2015 li fih korra b'mod gravi u sofra danni u debilità permanenti;*

3. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'riżultat tal-inċident ilmentat li seħħ fit-22 ta' April 2015, ġewwa l-fabbrika magħrufa bħala Factory KW4, Triq il-Baċir ta' Żamm u Triq il-Baċir, Qasam Industrijali Ta' Kordin. Paola, danni kemm fiżiċi u materjali u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominati għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ, u*

4. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrent id-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż tal-ittra uffiċjali numerata 3634/2016 u tal-ittra uffiċċjali numru 1053/17, kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-12 ta' Mejju 2017, s-soċjeta' intimata **Camray Company Limited** laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

1. *Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi l-azzjoni odjerna hija improponibbli u rritwali a tenur tal-Artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante illi ġiet intavolata qabel ma' r-rikorrent ħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tas-socjeta' intimata Camray Company Limited fil-kawża fl-ismijiet "Emanuel Calleja vs. Ray Camilleri et" [Rikors Maħluf Numru 110/2017 LM], liema kawża kienet titratta l-istess mertu għal dak odjern u li ġiet ċeduta mir-rikorrent fid-19 ta' April 2017.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, in linea preliminari, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in kwantu diretti kontra s-socjeta' intimata Camray Company Limited u dana stante li Camray Company Limited m'għandha ebda titolu fuq il-propjeta' indikata fir-rikors maħluf ġewwa Raħal Ġdid u wisq anqas hija s-sid tal-imsemmija propjeta'. Għalhekk Camray Company Limited ma hijiex il-leġittimu kontradittriċi għal-lanjanzi tar-rikorrenti bħala propjetarja tas-sit imsemmi.*

3. *Illi ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, in vista tal-allegazzjoni magħmula mir-rikorrent li involut f'dana l-inċident kien hemm terza persuna, illum ignota, li ħolqot emerġenza subitanea, meta ħabta u sabta, ħarġet bil-vettura tagħha mill-parkeġġ tal-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, huwa neċessarju li tali persuna tiġi kjamata in kawza ai termini tal-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta meta l-identita' ta' dina l-persuna tiġi magħrufa u għal dan il-għan l-intimati qed jirriservaw li jikkjamaw in kawża tali persuna fi stadju ulterjuri.*

4. *Illi ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, mill-fatti kif esposti mir-rikorrent fir-rikors maħluf huwa evidenti li l-kawża prossima tal-inċident de quo hija l-allegata emerġenza subitanea maħluqa minn terz u/jew is-sewqan sperikolat, traskurat, negliġenti u bi vjolazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tar-rikorrent stess. Għalhekk, ebda responsabbilita' ma tista' tiġi addossata fuq l-intimati għall-imsemmi inċident u/jew għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent.*

5. *Illi ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, is-soċjeta' intimata anqas ma għandha xi responsabbilita' sew jekk diretta*

*u sew jekk kontributorja għall-inċident de quo u għad-danni konsegwenzjali u dana stante li la ma hija ħatja ta' xi negliġenza u wisq anqas ma hija inadempjenti f'xi obbligi imposti fuqha mill-Liġi u/jew regolamenti. Isegwi għalhekk li ebda responsabbilita', sew jekk diretta u sew kontributorja, ma tista' tiġi akkollata fuq is-soċjeta' intimata għall-inċident de quo u/jew għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent.*

6. *Illi għaldaqstant, la s-soċjeta' intimata m'hijiex responsabbli għall-inċident de quo la b'mod dirett u anqas b'mod kontributorju, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu respinti.*

7. *Illi konsegwentement ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati favur tar-rikorrent u wisq anqas għandha s-soċjeta' intimata tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrent xi danni hekk likwidati; għaldaqstant it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu respinti.*

8. *Illi fi kwalunkwe kaħ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent għandu l-obbligu li jipprova d-danni minnu allegati u, fir-rigward is-soċjeta' intimata, qed tirriserva li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

9. *Salv u b'riserva għal kull eċċezzjoni ulterjuri permessa mill-Liġi, bl-ispejjeż kontra tal-istess rikorrent.*

3. Rat ir-risposta taċ-Chairman tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2017, fejn laqa' għal dak mitlub billi ressaq is-segwenti difiżi:

1. *Illi, preliminarjament, iċ-Chairman tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens ma jistax jiġi mħarrek hu għar-rigward ta' pretensjonijiet diretti kontra l-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, u għalhekk it-talbiet attriċi kontra l-eċċipjenti huma legalment insostenibbli u għandhom jiġu miċħuda.*

2. *Illi, ukoll in linea preliminari, la ċ-Chairman tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u lanqas il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens innifsu ma huma l-leġittimi kuntradditturi tat-talbiet attriċi.*

3. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati u fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rekwiżiti ffissati mill-liġi għall-ħlas tal-kumpens stabbiliti fl-Avviż Legali 435 ta' 1-2003 ma humiex sodisfatti.*

4. *Illi, dejjem subordinatament u mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati u fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-eċċipjenti billi l-attur innifsu u/jew il-konvenuta Camray Company Limited jaħtu għall-inċident.*

> 5. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, l-attur irid iġib prova ta' dak minnu allegat fir-rikors ġuramentat, dwar id-danni allegatament sofferti, u dwar l-allegata responsabbilita' ta' l-eċċipjenti li jagħmel tajjeb għad-danni minnu sofferti.*
>
> *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu skond il-liġi u bl-ispejjeż kontra l-attur.*

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrent mar-rikors promotur.

5. Rat illi, fid-29 ta' Jannar 2018, is-soċjeta' intimata Camray Company Limited irtirat l-ewwel eċċezzjoni tagħha. (fol 35)

**Provi**

6. Rat ix-xhieda ta' **Dr Stephen Zammit**, mogħtija fl-1 ta' Marzu 2018. (fol 45)

7. Rat ix-xhieda ta' **PC 815**, mogħtija fl-1 ta' Marzu 2018, li eżebixxa kopja tar-rapport tal-akkadut, NPS 3/e/1588/2015 (fol 52 - 56)

8. Rat ix-xhieda ta' **Charles Micallef**, rappreżentant tal-OHSA, mogħtija fl-1 ta' Marzu 2018. (fol 57)

9. Rat ix-xhieda ta' **Doris Vella**, rappreżentant tal-Isptar Mater Dei, mogħtija fl-1 ta' Marzu (fol 62) u rat il-file mediku tar-rikorrent Emanuel Callejja minnha ppreżentat. (fol 64 - 350)

10. Rat l-affidavit tar-rikorrent **Emanuel Calleja**, ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2018 (fol 352 -354) kif ukoll dokumentazzjoni minnu ppreżentati.

11. Rat l-affidavit ta' **Ivan Calleja**, ħu r-rikorrent, ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2018. (fol 377)

12. Rat l-affidavit ta' **Raymond Calleja**, ħu r-rikorrent, ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2018. (fol 378)

13. Rat l-affidavit ta' **Ludwig Calleja**, iben r-rikorrent, ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2018. (fol 379)

14. Rat illi fis-27 ta' Marzu 2018, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-"***Process Verbal tal-Inkjesta dwar Waqa' ta' karozza fit-Triq Ras Ħanżir, Raħal Ġdid, fejn xufier ġie ċertifikat fil-perikolu li jitlef ħajtu, fit-22 ta' April 2015***" redatt mill-Maġistrat Anthony G Vella fil-21 ta' Diċembru 2016. (fol 395 - 465)

15. Rat ix-xhieda tal-**Ispettur Spiridione Zammit** mogħtija fis-27 ta' Marzu 2018. (fol 444)

16. Rat ix-xhieda ta' **Mireille Cassar**, rappreżentant ta' Cassar Fuels Limited, prodott mir-rikorrent (fol 466) u mogħtija fis-27 ta' Marzu 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita.

17. Rat ix-xhieda ta' **PC521 Jesmond Falzon**, prodott mir-rikorrenti (fol 476) mogħtija fis-27 ta' Marzu 2018.

18. Rat ix-xhieda ta' **Dr Chris Spiteri**, rappreżentant ta' Transport Malta, prodott mir-rikorrenti (fol 479) u mogħtija fis-27 ta' Marzu 2018.

19. Rat ix-xhieda ta' **David Saliba**, rappreżentant tal-OHSA, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fl-4 ta' Mejju 2018. (fol 491)

20. Rat serje ta' ritratti eżebiti mir-rikorrent fl-4 ta' Ġunju 2018. (fol 497 sa 502)

21. Rat ix-xhieda ulterjuri tal-Ispettur Spiridione Zammit, mogħtija fl-4 ta' Ġunju 2018. (fol 503)

22. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata permezz ta' nota mix-xhud David Saliba fl-4 ta' Mejju 2018. (fol 509)

23. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2018 ġiet maħtura Dr Josanne Aquilina sabiex teżamina lir-rikorrent.

24. Rat ix-xhieda tal-**PL Mario Buttigieg**, mogħtija fid-19 ta' Novembru 2018. (fol 518)

25. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2018 ġie maħluf ir-rapport tal-Perit Mediku **Dr Josanne Aquilina.** (fol 533 – 539)

26. Rat ix-xhieda ulterjuri tal-PL Mario Buttigieg mogħtija fis-6 ta' Marzu 2019. (fol 551)

27. Rat illi fit-8 ta' April 2019, ir-rikorrent ddikkjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

28. Rat ir-rikors tar-rikorrent ippreżentat fit-23 ta' April 2019 fejn talab illi jinħatar espert tekniku biex jirrelata dwar il-kalkoli u rapport redatt mill-PL Mario Buttigieg fl-Inkjesta Kriminali, għal liema talba saret oġġezzjoni da parte ta' l-intimati u li l-Qorti ċaħdet b'digriet tas-16 ta' Mejju 2019. (fol 581)

29. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Emanuel Calleja illi saret fl-20 ta' Mejju 2019. (fol 584)

30. Rat ix-xhieda ta' **Kenneth Camilleri**, Claims Manager fi ħdan il-kumpannija Mapfre Middlesea, mogħtija fil-15 ta' Lulju 2019. (fol 608)

31. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Kenneth Camilleri, Claims Manager fi ħdan il-kumpannija Mapfre Middlesea, mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2019 (fol 613) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita.

32. Rat ix-xhieda ta' **Ray Camilleri**, rappreżentant tas-soċjeta' Camray Company Limited, mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2019. (fol 622)

33. Rat ix-xhieda, in kontro eżami, ta' Ray Camilleri, mogħtija fil-11 ta' Novembru 2019. (fol 639)

34. Rat illi fit-3 ta' Jannar 2020, il-kawża ġiet assenjata mill-Prim' Imħallef a tenur tal-Artikolu 29(8) tal-Kap 12, lil dina l-Qorti, kif ippresjeduta.

35. Semgħet ix-xhieda ta' **Joseph Buhagiar**, rappreżentant tas-soċjeta' DSL Health and Safety Limited illi tipprovdi servizzi ta' Occupation Health and Safety, mogħtija fil-11 ta' Novembru 2020. (fol 669)

36. Rat id-dokument eżebit mis-soċjeta' intimata fit-28 ta' Jannar 2021.

37. Rat l-affidavit ta' **Mark Asciak**, bħala rappreżentant tal-intimat Fond għall-Protezzjoni u Kumpens. (fol 708)

38. Rat illi fis-27 ta' Jannar 2022, il-provi ġew dikjarati magħluqa.

39. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti ippreżentati fl-14 ta' Ġunju 2022.

40. Rat is-sottomissjonijiet tal-Fond intimat ippreżentati fil-25 ta' Ottubru 2022.

41. Rat illi fil-25 ta' Ottubru 2022, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti

42. Jirriżulta illi r-rikorrent, Emanuel Calleja, sid il-vettura Renault Megane BBZ 212, fit-22 ta' April 2015, illi kien jaħdem ma' Cassar Fuels Limited, kien bil-'leave' dakinhar, iżda rċieva telefonata sabiex jmur ix-xogħol fejn, fi kliem ir-rikorrenti stess kif riprodott fl-affidavit tiegħu (fol 352) ...

    *" ... kien hemm il-vapur Karol Woytla li kien jinsab ankrat Il-Menqa ġewwa l-Marsa li kellu xi ħsara fil-fire line u kienu talbuni sabiex ninżel il-Marsa, nitla' abbord il-vapur ħalli nagħti daqqa t'id."*

43. Jirriżulta illi, dejjem fi kliem ir-rikorrent stess ...

    *" Hekk kif wasal proprja wara l-MCAST, fejn hemm il-parkeġġ tal-istess MCAST, fi Triq il-Baċir, Raħal il-Ġdid, triq għan-niżla, ġurnata fejn it-temp kien bnazzi u l-kundizzjoni tat-triq kienet tajba, ħabta u sabta minn ġol-parkeġġ tal-MCAST ħarġet vettura tal-marka Volkswagen Fox ta' lewn bajda, u jien naturalment inħsadt għaliex baqgħet ħierġa mingħajr ma waqfet u l-istint tiegħi kien li nipprova nevita li naħbat fiha."*

44. Jirriżulta illi, int u nieżel minn Triq il-Baċir, fejn seħħ l-inċident, il-parkeġġ tal-MCAST jinsab fuq ix-xellug tiegħek.

45. Jirriżulta illi, dejjem fi kliem ir-rikorrent stess ...

    *"F'manovra sabiex nevita din il-vettura, ġbidt lejn il-lemin, ippruvajt nikkoreġi l-manovra tiegħi lejn il-lemin billi erġajt dħalt lura fil-karreġġjata tax-xellug, fejn ma wiċċi sibt vettura pparkeġġjata BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni WPF 001, ilqatta' bi żbrixx, erġajt dort bl-istint lejn in-naħa l-oħra, tlift il-kontroll tal-vettura u hemmhekk sibt ruħi dieħel ġol ħajt, l-aktar l-aktar ħsibt li stajt nispiċċa ġo għalqa.*

46. Jirriżulta illi, bħala konsegwenza ta' tali manuvra, ir-rikorrent baqa' dieħel ġo grada illi kien hemm flok il-ħajt illi kien imwaqqa', wara liema grada kien hemm żvilupp illi kien

qed isir mis-soċjeta' intimata Camray Company Limited, li kien dak iż-żmien fi stadju ta' kostruzzjoni, fejn kien sar tqattiegħ tal-blat f'profondita' ta' madwar erbgħa sulari.

47. Jirriżulta illi hekk kif ir-rikorrent daħal fil-grada illi kien hemm flok il-ħajt, huwa kisser tali grada, baqa' dieħel fiż-żona ta' kostruzzjoni u hekk kif qabeż il-parti tal-blat illi kien għadu mhux maqtugħ, waqa' madwar erbgħa sulari, fejn il-vettura spiċċat fuq is-saqaf tagħha w ir-rikorrent intilef minn sensieh.

48. Jirriżulta illi, bħala konsegwenza ta' l-inċident, r-rikorrent sofra ġrieħi gravi, tant illi kien iċċertifikat mit-tobba li kien fil-perikolu tal-mewt, u eventwalment, wara xhur sħaħ ta' rikoveru, ġie ċċertifikat illi kellu disabbilta' permanenti ta' ħamsin fil-mija (50%) u kellu jieqaf mix-xogħol illi kellu ma' Cassar Fuels Limited bħala 'maintenance supervisor'.

49. Jirriżulta illi, apparti mix-xhieda tar-rikorrent, ma ġew prodotti quddiem din il-Qorti ebda xhieda okulari dwar kif seħħ l-inċident.

**Ikkunsidrat**

50. Jirriżulta illi, permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil dina l-Qorti sabiex issib lis-soċjeta' intimata Camray Company Limited responsabbli tal-inċident illi seħħ, peress illi hija naqset milli tinstalla prekawzjonijiet suffiċjenti biex jevitaw illi jseħħ l-akkadut.

51. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent qiegħed ukoll jitlob illi l-istess soċjeta' intimata, kif ukoll il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, jiġu kkundannati jħallsuh danni riżultat ta' tali akkadut.

52. Jirriżulta illi, qabel ma jiġu stabbiliti d-danni, l-ewwel u qabel kollox, dina l-Qorti trid teżamina l-provi w il-fatti illi wasslu għall-inċident u tqis min kien responsabbli tal-akkadut.

53. Jirriżulta illi quddiem dina l-Qorti, kemm kif preċedentement ippresjeduta, kif ukoll kif ippresjeduta, ġew prodotti xhieda li ftit li xejn setgħu jitfgħu dawl fuq kif seħħ l-akkadut, għajr għax-xhieda tal-Espert tal-Qorti, l-PL Mario Buttigieg.

54. Jirriżulta, di fatti, illi bħalma hija l-prassi adoperata u kif titlob il-liġi, la darba kien ġie stabbilit illi kien hemm persuna fil-perikolu tal-mewt infetħet inkjesta mill-Pulizija, fejn il-Maġistrat Inkwirenti ta' dan iż-żmien, il-Maġistrat, illum Imħallef, Anthony G Vella, kien ħatar varji esperti, fosthom il-Perit Richard Aquilina sabiex jagħmel pjanta tal-post u l-PL Mario Buttigieg sabiex jagħmel rikostruzzjoni ta' kif seħħ l-inċident. (fol 394)

55. Jirriżulta li r-rikorrent eżebixxa kopja tal-Process Verbal tal-Inkjesta Maġisterjali illi kienet saret, fejn, fost affarijiet oħra, hemm kemm il-pjanta kif redatta mill-Perit Richard Aquilina (fol 393), kif ukoll ir-rapport tal-PL Dr Mario Buttigieg (fol 402 sa 436) u ritratti meħudin mis-Scene of Crime Officer. (fol 438 sa 443)

56. Jirriżulta illi l-PL Mario Buttigieg xehed quddiem dina l-Qorti diversi drabi, fejn il-konklużjonijiet minnu milħuqa ġew eżaminati u kkontestati mir-rikorrenti fuq medda ta' varji seduti.

57. Jirriżulta illi jkun opportun għal din il-Qorti sabiex teżamina u tevalwa l-kostatazzjonijiet u konklużjonijiet milħuqa mill-PL Mario Buttigieg, bħala espert imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti, u dana anke abbażi tal-fatt illi kien l-istess rikorrent illi eżebixxa r-rapport tal-espert tekniku fl-atti tal-kawża odjerna, bħala prova dwar kif seħħ l-akkadut.

**Ikkunsidrat**

58. Jirriżulta illi fir-rapport tal-PL Dr Mario Buttigieg, huwa kien sema' x-xhieda kemm tar-rikorrent, Emanuel Calleja, kif ukoll tal-Perit Wallace Farrugia, illi kien is-sid tal-vettura BMW WPF 001 illi fiha kien ħabat ir-rikorrent bil-vettura tiegħu Renault BBZ 212 qabel ma baqa' dieħel fil-grada u waqa' għal isel.

59. Jirriżulta wkoll illi, a differenza ta' dina l-Qorti, l-espert Dr Mario Buttigieg kien sema' wkoll x-xhieda ta' żewġ xhieda okulari, wieħed illi mar fuq il-post hekk kif sema' ħoss kbir, ċerta John Holman, u ieħor illi ra l-inċident iseħħ, ossija ċertu Paul Borg.

60. Jirriżulta illi fix-xhieda riprodotta mill-espert Dr Mario Buttigieg fir-rapport finali tiegħu, Paul Borg kellu dan xi jgħid dwar l-akkadut: (fol 409)

> *Illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' April 2015, jiena kont qed naħdem fil-yard tas-Civil Protection fuq dgħajsa. Kif kont hemm jiena smajt ħoss qawwi ta' brejk. Dan il-ħoss ġibidli l-attenzjoni u jiena dawwart rasi fejn rajt Megane ħiereġ minn ġo triq.* ***<u>Sabiex nippreċiza eżatt rajt lis-sewwieq tal-vettura jiġbed fuq in-naħa tal-lemin tiegħi, faqa' l-grada u rajt il-vettura ttir għal isfel. X'ħin il-vettura ħarġet, din il-vettura daret fl-arja u wara ma rajtx xejn iżjed.</u>*** (sottolinjar ta' dina l-Qorti)
>
> *Bdejt ngħajjat għall-membri tas-Civil Protection. Jiena mort fejn kienet ħarġet il-vettura, ittawalt għal isfel u smajt vuċi tgħajjat għal ajjut. Erġajt inżilt isfel u dħalt ġewwa fejn kienet il-vettura u sibt lis-sewwieq taħt il-vettura. Beda jgerger minħabba s-seat belt. Ġew membri tal-protezzjoni ċivili oħrajn fejn spjegajtilhom kollox u kif daħlu huma sabiex joħorġuh jiena ħriġt il-barra. Jiena l-ħabta bejn ż-żewġ vetturi ma smajthiex iżda meta kont fuq il-post smajt żewġ pulizija jgħidu li tal-Megane kien laqat vettura oħra. Ma għandi xejn iżjed xi nżid ma' dak li għidt hawn fuq.*

61. Jirriżulta illi, fil-konklużjonijiet tiegħu, l-PL Dr Mario Buttigieg, wara illi għamel il-kalkoli tiegħu, li ġew ukoll diskussi u evalwati quddiem dina l-Qorti, kif diversament ippresjeduta, wasal għas-segwenti konklużjoni:

> *Illi ġie stabbilit li qabel ma seħħ l-inċident Emanuel Calleja kien għaddej b'veloċita ta' wieħed u disgħin (91 kph) kilometru fis-siegħa. Illi x'ħin kien għaddej b'din il-veloċita' Calleja tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu bil-konsegwenza li l-ewwel ħabat ġol-vettura li kienet ipparkjata fuq in-naħa tax-xellug ta' triq. Minn hemm il-vettura mxiet għall-distanza ta' ħamsa u għoxrin (25m) metru, fejn Calleja dawwar l-isteering u baqa' dieħel ġo grada li dak il-ħin kienet magħluqa. Bil-veloċita' li kien għaddej Calleja faqa' l-grada fejn baqa' għaddej fuq ir-ramel li sab warajha u minn hemm baqa' nieżel għal*

*isfel. Meta kien nieżel il-vettura li kien qed isuq Calleja ħabtet fil-ħajt tal-bini tal-kwarantina bil-konsegwenza li l-vettura daret u straħet fl-art.*

*Illi fit-triq ma kien hemm l-ebda sinjali la ta' tajer u lanqas sinjali tal-brejkijiet.*

...

*Illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015), Emanuel Calleja kien qed isuq il-vettura tiegħu ta' għamla Renault mudell Megane bin-numru tar-reġistrazzjoni BBZ 212. Illi dak in-nhar tal-akkadut inċident Calleja ma kienx xogħol iżda rċieva telefonata mix-xogħol stess sabiex jidħol peress li ried jgħabbi xi pajpijiet fuq vapur li kien dieħel Malta. Illi fil-mument tal-allegat inċident Calleja kien qed isuq il-vettura waħdu. Illi Calleja allegatament telaq mid-dar u kien sejjer lejn ix-xogħol u ċioe' ġewwa Ħal-Qormi. Illi minflok li għadda mit-triq prinċipali, huwa għażel illi jgħaddi minn Ras Ħanżir.*

*Illi kif Calleja kien għaddej mill-imsemmija akwati b'veloċita' ta' circa wieħed u disgħin (91kfs) kilometru fis-siegħa hu tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu bil-* ***konsegwenza li baqa' dieħel ġo vettura ta' għamla BMW li kienet ipparkjata fuq in-naħa tax-xellug ta' triq.*** *Konsegwenza tal-ħabta Calleja ġibed l-isteering u baqa' miexi fejn faqa' grada li kienet ma' ġemb it-triq u minn hemm il-vettura baqgħet sejra dritt. Illi Calleja ma setgħax jikkontrolla l-vettura bil-konsegwenza li tar minn tarf l-irdum u waqa' isfel fejn faqa*[1] *ħajt tal-bini fejn iżommu ż-żwiemel fi kwarantina.*

*Illi r-Renault Megane sofriet ħsarat kbar fejn wieħed jista' jgħid li l-vettura ma tistax tiġi rranġata. Illi 1-vettura BMW sofriet ħsarat fejn l-ispejjeż telgħu għas-somma ta' tlett elef, ħames mija u għaxar Ewro u erba' u sebgħin ċenteżmu (€3,510.74).*

***<u>Illi fuq dawn il-fatti illi ġew stabbiliti hija l-opinjoni umli tal-esponent illi jirriżulta illi hemm fatti illi prima facie jindikaw negliġenza u sewqan perikoluż minn naħa tas-sewwieq Emanuel Calleja. Illi li kieku Calleja żamm il-velocita' tal-vettura baxxa huwa seta' faċilment jikkontrolla l-vettura tiegħu meta skond kif allega harġitlu vettura mill-parking area fi triqtu.</u>*** (sottolinjar ta' dina l-Qorti)

62. Jirriżulta, kif gia fuq osservat, illi r-rikorrent ikkontesta tali konklużjonijiet w, permezz tal-abbli difensur tiegħu, qajjem varji domandi sabiex jipprova jxejjen u jwaqqa' l-konklużjonijiet tal-Espert Tekniku PL Dr Mario Buttigieg.

63. Jirriżulta, madanakollu, illi l-Espert Tekniku PL Dr Mario Buttigieg, baqa' jinsisti dwar il-konklużjonijiet tiegħu.

## Ikkunsidrat

64. Wara illi dina l-Qorti qieset id-dokumentazzjoni prodotta quddiemha, partikolarment ir-rapport tal-Process Verbal eżebit mir-rikorrenti, u jirriżulta illi dina l-Qorti ftit li xejn tista' ma taqbilx mal-konklużjonijiet milħuqa mill-espert tal-Maġistrat Inkwirenti, ossija l-PL Dr Mario Buttigieg.

65. Din il-Qorti tasal għal tali konklużjonijiet, anke abbażi ta' dak illi qal r-rikorrent Emanuel Calleja, waqt il-konto eżamijiet tiegħu.

66. Jirriżulta, di fatti, illi huwa dejjem insista illi saq bil-veloċita' ta' 45 Kilometri fis-siegħa, fatt illi dejjem saħaq dwarha sa minn meta seħħ l-akkadut.

67. Jirriżulta, madanakollu, illi r-rikorrenti jikkontendi li l-vettura, illi huwa stqarr li ħarġet mill-parkeġġ tal-MCAST minn fuq ix-xellug tiegħu, kienet "*ħarġet kważi kollha*", u li huwa raha BISS meta kienet biss żewg metri 'l bogħod minnu. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent SAĦAQ li għamel manuvra sabiex jiskapula tali vettura li ħarġet minn fuq ix-xellug tiegħu, u dan billi kiser fuq il-lemin biex jevitaha, filwaqt illi wara, mistoqsi dwar fejn marret din il-vettura, jgħid illi din il-vettura sussegwentement telgħet 'il fuq u ma rahiex aktar. (fol 589)

68. Din il-Qorti tistqarr illi ssibha ferm diffiċili tifhem kif jista' jkun illi r-rikorrent, bil-manuvra illi qal li għamel, hekk kif sab il-vettura ħierġa minn ma' ġembu quddiemu fuq ix-xellug, seta' ma' laqatx din il-vettura illi, skond ir-rikorrent, kienet ħarġet kollha u li, għalhekk, kienet, la darba tiela d-direzzjoni opposta tiegħu, dieħla fil-karreġġjata illi proprja huwa kiser fiha sabiex jevitaha – din il-Qorti tistqarr illi ssib tali verżjoni tal-fatti kemmxejn inverosimili, peress illi din il-karozza kienet dieħla, skond ir-rikorrent, fil-karreġġjata illi fiha huwa kiser, u għalhekk kellha ta' bilfors tkun quddiemu hekk kif għamel tali manuvra.

69. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent jisħaq illi huwa ma għafasx il-brake tal-karozza, li għalih kienet "*ħaġa loġika li tiġini f'moħħi*", peress illi "*kien hemm terrapien mal-art, tal-construction*" u jisħaq illi "*it was a very dirty road, kollha trab allura l-brake qisu ...*"

70. Jirriżulta illi fuq domanda tal-Qorti, kif diversament ippreseduta, fejn ġie mistoqsi "*L-importanti x'qed tifhem b'terrapien. Terrapien ifisser li t-triq hija mkissra u hemm ġebel*", ir-rikorrent rrisponda billi qal "*Le trab tal-construction, trakkiiet li jkunu deħlin u ħerġin*".

71. Jirriżulta illi r-rikorrent, fil-varji istanzi ili huwa xehed, kemm quddiem il-Pulizija, kif ukoll quddiem l-espert PL Dr Mario Buttigieg u permezz tal-affidavit, IMKIEN ma qatt semma' illi kien hemm il-materjal u terrapien fit-triq illi wasslu biex jitlef il-kontroll tal-vettura, u di fatti, fl-affidavit tiegħu huwa jgħid li "*l-kundizzjoni tat-triq kienet tajba",* kif jidher riprodott fil-para 43 aktar 'il fuq.

72. Jirriżulta wkoll illi ż-żewġ xhieda illi kienu fuq il-post u li xehdu quddiem il-PL Dr Mario Buttigieg, it-tnejn saħqu illi semgħu "ħoss qawwi ta' brejk" (Paul Borg) u "the screech of brakes" qabel ma semgħu l-impatt. Jiġi osservat wkoll illi Paul Borg jgħid illi kien WARA li sema' l-ħoss tal-brakes, illi ra l-vettura tar-rikorrent tiġbed fuq il-lemin, tifqa' l-grada u ttir għal isfel (fol 409) – dawna huma kollha fatti, stabbiliti minn xhieda okulari indipendenti, u li jagħtu indikazzjoni ċara b'liema veloċita' kienet għaddejja l-vettura tar-rikorrenti, li ċertament ma setgħetx tkun għaddejja bil-veloċita' ta' 45 kilomteri fis-siegħa, kif huwa jikkontendi.

73. Jirriżulta, għalhekk, illi l-verżjoni tal-fatti kif deskritti mir-rikorrent, ftit li xejn jistgħu jiġu kkunsidrati bħala veritjeri fejn jirrigwarda l-mod kif kienet qed tinstaq il-vettura w il-veloċita' illi biha huwa kien nieżel in-niżla ta' Triq il-Baċir.

74. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-unika xhud illi ra parti mill-akkadut iseħħ, ossija Paul Borg li xehed quddiem l-PL Dr Mario Buttigieg, jistqarr illi ra il-vettura tifqa' l-grada, ttir fl-arja u ddur biex tispiċċa fuq is-saqaf tagħha, u dana kif jidher riprodott a para 60 aktar 'il fuq – dana kollu huwa indikattiv illi, a differenza ta' dak asserit mir-rikorrent, il-vettura kienet għaddejja b' veloċita' eċċessiva li wasslet sabiex, meta rinfaċċjat b'allegat emerġenza kkawżata minn terzi, r-rikorrent ma kienx f'posizzjoni illi jikkontrolla l-vettura tiegħu u spiċċa biex daħal ġo vettura oħra u baqa' sejjer ġewwa grada imqiegħda hemmhekk sabiex twaqqaf nies milli jidħlu, liema grada huwa faqagħha u baqa' għaddej varji metri 'l ġewwa fuq il-blat sakemm wasal fit-tarf tal-blat u l-vettura taret il-quddiem għal ħafna metri.

75. Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak allegat mir-rikorrenti, l-inċident ma seħħx riżultat ta' xi nuqqas da parte ta' l-intimati li ma għamlux reċint kif suppost u jew vettura illi ħarġet minn parkeġġ, iżda seħħ unikament għax ir-rikorrent kien qed isuq b'veloċita' eċċessiva u tilef il-kontroll tal-vettura.

76. Għalhekk, din il-Qorti ma tistax issib responsabbilta' fuq l-intimati, kif mitlub mir-rikorrent, bir-riżultat illi t-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu kkunsidrati favorevolment.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u rat ix-xhieda prodotta;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet magħmula quddiemha;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrenti, kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**